

Brussell, 23 ta' Ġunju 2026
(OR. en)

10642/2/26
REV 2

Fajl Interistituzzjonali:
2024/0319(COD)

CODEC 1202
AGRI 505
AGRIORG 80
AGRIFIN 122
AGRILEG 161

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Abbozz ta' REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1308/2013, (UE) 2021/2115 u (UE) 2021/2116 fir-rigward tat-tisħiħ tal-pożizzjoni tal-bdiewa fil-katina tal-provvista tal-ikel (l-ewwel qari) - Adozzjoni tal-att leġiżlattiv

1. Fl-10 ta' Diċembru 2024, il-Kummissjoni bagħtet lill-Kunsill il-proposta tagħha¹, ibbażata fuq l-Artikolu 42, l-ewwel paragrafu, u l-Artikolu 43(2) TFUE.
2. Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ta l-opinjoni tiegħu fis-27 ta' Marzu 2025².
3. Il-Kumitat tar-Reġjuni ta l-opinjoni tiegħu fil-15 ta' Mejju 2025³.
4. Fis-16 ta' Ġunju 2026, il-Parlament Ewropew adotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari dwar il-proposta tal-Kummissjoni⁴. L-eżitu tal-votazzjoni fil-Parlament Ewropew jirrifletti l-ftehim ta' kompromess li ntlaħaq bejn l-istituzzjonijiet u, għalhekk, għandu jkun aċċettabbli għall-Kunsill.

¹ 16779/24 + REV 1 + REV 1 ADD 1.

² ĠU C, C/2025/2969, 16.6.2025, ELI: <http://data.europa.eu/eli/C/2025/2969/oj>.

³ ĠU C, C/2025/3479, 16.7.2025, ELI: <http://data.europa.eu/eli/C/2025/3479/oj>.

⁴ 10300/26.

5. Għaldaqstant, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti mistieden jikkonferma l-qbil tiegħu u jissuġġerixxi li l-Kunsill japprova l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew, kif tinsab fid-dokument PE-CONS 21/26, bħala punt "A" f'laqgħa li jmiss, bil-Latvja, n-Netherlands u l-Iżvezja jivvotaw kontra u d-Danimarka, il-Ġermanja u l-Estonja jastjenu.
6. Id-dikjarazzjonijiet għall-minuti tal-laqgħa tal-Kunsill jinsabu fl-Addendum ta' din in-nota.
7. Jekk il-Kunsill japprova l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew, l-att leġiżlattiv jiġi adottat.

Wara li jiġi ffirmat mill-President tal-Parlament Ewropew u l-President tal-Kunsill, l-att leġiżlattiv jiġi ppubblikat f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.
